Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 16 ta' April 2015**
**(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2015/0081 (NLE)**

**8001/15**
**ADD 2**

**MAR 47**
**TRANS 131**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 16 ta' April 2015 |
| lil: | Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2015) 159 final Anness 2 |
| Suġġett: | ANNESS L-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fil-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port għall- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2015) 159 final Anness 2.

---

Mehmuż: COM(2015) 159 final Anness 2

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.4.2015
COM(2015) 159 final

ANNEX 2

# ANNESS

**L-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fil-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port**

**għall-**

**Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port**

**ANNESS**

**L-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fil-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port**

**għall-**

**Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port**

Qabel kull laqgħa annwali tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port (PSCC) tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port, għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa sabiex il-pożizzjoni li għandha tiġi espressa f'isem l-Unjoni tqis l-informazzjoni kollha rilevanti trażmessa lill-Kummissjoni Ewropea kif ukoll kull dokument li għandu jiġi diskuss li jaqa' fi ħdan il-kompetenza tal-UE b'konformità mal-prinċipji ta' gwida u l-orjentazzjonijiet stipulati fl-Anness I.

Għal dan il-għan u abbażi ta' dik l-informazzjoni, dokument preparatorju li jistabbilixxi d-dettalji tal-pożizzjoni prevista tal-Unjoni għandu jintbagħat, fi żmien suffiċjenti qabel il-laqgħa tal-PSCC, mis-servizzi tal-Kummissjoni għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni, lill-Kunsill jew lill-korpi preparatorji tiegħu.

Il-pożizzjoni prevista tal-Unjoni fid-dokument preparatorju għandha titqies li ntlaħaq qbil dwarha, sakemm numru ta' Stati Membri ekwivalenti għal minoranza li timblokka ma joġġezzjonax waqt laqgħa tal-korp preparatorju tal-Kunsill jew fi żmien għoxrin ġurnata minn meta jkun wasal id-dokument preparatorju, skont liema data tinzerta l-ewwel. F'każ li jkun hemm xi oġġezzjoni, il-kwistjoni għandha tintbagħat lill-Kunsill.